MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 211/2003

**Cedric Caruana.**

**vs.**

**Nicolette Debono.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi, l-kontendenti ccelebraw zwieg bejniethom fis-7 ta' Dicembru 2001, kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg relattiv li kopja tieghu hi hawn annessa u esebita u mmarkata bhala Dok."A";

Illi, z-zwieg *de quo* kien simulat da parti tal-konvenuta *stante* illi l-kunsens taghha nghata b'esluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi

essenzjali tal-hajja mizzewga, senjatament tal-fedelta', jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi, ulterjorment, il-kunsens tal-konvenuta kien ukoll ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, senjatament tal-fedelta', jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi, ghalhekk iz-zwieg celebrat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-ligi ghall-fini tad-dispozizzjonijiet ta' l-**artikolu 19 ta' l-Att dwar Iz-Zwieg ta' l-1975;**

Illi, l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi: -

1. Tiddikjara z-zwieg bejn il-partijiet nhar is-7 ta' Dicembru 2001, null u bla effett fil-Ligi, ghall-fini tad-dispozizzjonijiet ta' l- **artikolu 19 ta' l-Att dwar Iz-Zwieg ta' l-1975;**

Bl-Ispejjez kontra l-konvenuta li hija minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici datata 27 ta' Frar, 2003 u l-lista tax-xhieda prezentati mill-attur a fol 3 u fol 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-affidavit tal-attur Cedric Caruana minn fol 6 sa fol 19.

Rat ir-rapport tas-*Social Worker* Theresa Micallef datat 13 ta' Novembru, 2002.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet prezentata mill-konvenuta Nicolette Debono fit-23 ta' April, 2003, fejn ecipit bir-rispett:-

1. Illi preliminarjament, l-konvenuta li taqbel li dan iz-zwieg huwa null *stante* li kien simulat da parti taghha fil-konfront tal-attur tant li hija kienet tat il-kunsens taghha b'eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu wara li hija zzewget

lill-attur mhux ghaliex habbietu, izda principalment minhabba li l-attur kien missier uliedha minuri;

2. Illi, *inoltre,* l-konvenuta taqbel li dan iz-zwieg huwa ukoll null *stante* li l-kunsens taghha kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, kif kien ukoll il-kunsens tal-attur innfsu fil-konfront taghha *stante* li ma kienx possibli ghalih, minhabba fatti attribwibbli biss lill-attur li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg minhabba anomalija psikologika serja;

3. Salv eccezzjoniet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta a fol. 46 *et seq* tal-process.

Rat il-verbal tat-28 ta' Mejju, 2003 fejn inghata digriet affidavit tal-konvenuta b'terminu ta' 50 jum.

Rat ir-rikors tal-konvenuta datat 19 ta' Awwissu, 2003, fejn talbet bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha takkorda terminu ta' xahar (cioe sal-15 Settembru, 2003) sabiex l-esponenti tipprezenta l-affidavits kollha tax-xhieda taghha.

Rat id-digriet tal-20 ta' Awwissu 2003, fejn il-Qorti laqghat it-talba u estendit z-zmien ghall-ahhar darba li l-affidavits ghandhom ikunu skjeti, precizi u dicenti.

Rat in-nota ta' Nicolette Debono datata 3 ta' Ottubru 2003 li permezz taghha esebit l-affidabit taghha; dak ta' Fr. Scicluna, ta' Yvette Debono u ta' David George Debono.

Rat il-verbal tat-22 ta' Ottubru, 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju, 2004.

Rat ir-rikors tal-kontendenti datat 25 ta' Novembru, 2003, fejn huma talbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogghobha tordna illi din il-kawza tigi rikjamata ghal data aktar vicina sabiex dak inhar tigi deciza.

Rat id-digriet tal-25 ta’ Novembru, 2003 fejn il-Qorti laqghet it-talba u rrikjamat l-kawza ghad-29 ta’ Jannar 2004 ghas-sentenza.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (I) PROVI PRODOTTI.

Rat l-affidavit tal-**attur Cedric Caruana** minn fol 6 sa fol 19 tal-process. Rat ukoll l-affidavit ta’ **Mirelle Caruana** li tigi omm l-attur.

Il-**konvenuta Nicolette Debono** fl-affidavit taghha li gie prezentat permezz ta’ nota datata 3 ta’ Ottubru, 2003, tghid:-

*“Illi, jiena qieghda naghmel dana l-affidavit in konnessjoni mat-talba ta’ zewgi illi jigi ddikjarat illi z-zwieg taghna kien null;*

*Illi, ghandu jirrizulta minn dana l-affidavit illi jiena qieghda naqbel ma’ din it-talba ghaliex fil-fehma tieghi z-zwieg huwa verament null minhabba tlett ragunijiet, cioe;*

*1. Illi dan iz-zwieg qatt ma gie konsumat;*
*2. Illi l-kunsens tieghi u ta’ zewgi kien simulat;*
*3. Illi l-kunsens tieghi u ta’ zewgi kien vizzjat.*

*Illi, jiena gejt notifikat bl-affidavit ta’ l-attur. Dana l-affidavit fih hafna skorrettezzi illi kwazi jistiednuni sabiex nikkorregi. Biss f’dana l-affidavit jiena ma inix serja nikkorregi dawn l-iskorretezzi izda serja biss nimmotiva l-fehma gia minni espressa dwar in-nulita taz-zwieg tieghi;*

*Illi, billi pero’ l-motivi hawn taht imfisser ma jkunx ghal kollox intellibibbli jekk fl-assenza ta’ l-fatti konologici tar-*

*rapport tieghi mal-attur, jiena sejra naghti t-taghrif illi huwa fil-fehma tieghi mehtieg dwar dan ir-rapport;*

*Illi, jiena bdejt nohrog mall-attur madwar hames snin ilu. Dak iz-zmien kont ghandi kemm hassart relazzjoni ohra ma’ ragel iehor illi kienet ilha ghaddejja xi erba snin. Dak ir-ragel kien madwar ghaxar snin akbar minni;*

*Illi, hekk kif bdejt nohrog, iltqajt mal-attur. Kont gja nafu. Bdejt nohrog mieghu. It-tnejn konna ghadna relattivament zghar. L-attur mal-ewwel ried relazzjoni serja. Kien jghid li jhobbni u kien jsemmi z-zwieg. kien ukoll spiss jsemmi l-fatt illi skond hu jiena kont gejja minn familja sinjura;*

*Illi, ghal-ewwel hassejt illi huwa kien qieghed jiehu r-relazzjoni wisq bis-serjeta’ ghalija. Darba tlaqtu izda tant ippersista mieghi biex nirrangaw illi spiccajt nerga nohrog mieghu;*

*Illi, jiena ghandi rapport tajjeb hafna ma’ missieri. Osservajt illi l-attur kellu rapport tajjeb ma’ ommu. Bdejt nhoss illi kien dominat minnha u kien aktar importanti ghalih illi jikkuntenta lilha milli jikkuntenta lili. Hija kienet tikkontrollah u tinfluenzah hafna;*

*Illi, hekk kif l-attur kien jqis illi ma kienx hemm perikolu illi nitilqu beda jurini illi l-importanza illi kelli jiena f’hajtu kien inferjuri ghall-football, ghax-xoghol u ghall-istudju;*

*Illi, kmieni fir-relazzjoni taghna bdejna nsiru intimi ma’ xulxin. Kwazi mill-bidu l-attur kien jissikani biex jkollna x’naqsmu u wara xi xahar kellna rapport sesswali shih;*

*Illi dak ix-xahar stess indunajt illi kont hrigt tqila. Hadna qatgha kbira t-tnejn li ahna. L-attur staqsieni t-tarbija kinitx tieghu – haga li weggatni hafna u mbaghad beda jghid illi riedni nehles mit-tarbija. Is-soluzzjonijiet tieghu kienu kwazi puerili. Kien jissuggerixxi illi kelli naqa’ t-tarag jew li jaghtini daqqa f’zaqqi etc. Dawn is-suggerimenti ftit kien inista fuqhom l-attur;*

*Illi, il-ġenituri tiegħi kienu diżappuntati w inkwetati ħafna fit-tqala tiegħi. Missieri saqsini x'tip ta' relazzjoni kelli mal-attur;*

*Illi, il-ġenituri tagħna t-tnejn qablu illi kien kmieni wisq għalina illi niżżewġu, pero' tgħarrasna lejn l-aħħar ta' Lulju xahrejn wara li ħriġt tqila. Kienu fehmuna illi qabel ma naħsbu fuq iż-żwieġ kellna nibnu r-relazzjoni tagħna u kellna niżżewġu biss meta konna lesti. Ovvjament it-tqala tiegħi komplet tgħarraq ir-rapport tagħna. Jiena bdejt nisthi noħroġ u kont ngħajja malajr. L-attur kien jiġi għandi spiss iżda ħlief għas-sess ftit deher interessat fija. F'dak illi jirrigwarda s-sess pero' nghid illi kellna relazzjonijiet sesswali ta' sikwit. Wara ftit bdejt nixba minn din ir-rutina sew għaliex minħabba t-tqala kont qiegħda nigbed mill-kuntatt fiżiku u sew għaliex bdejt nara illi s-sess kien qiegħed isir importanti wisq fir-rapport tagħna. Bdejt nevita illi jkolli rapporti mal-attur. Min-naħa tiegħu s-soluzzjoni tiegħu kienet waħda sempliċi – anke' ammessa quddiem il-ħbieb tagħna – illi jsib gratifikazzjoni waħdu. Dan kien jagħmlu spiss quddiemi mingħajr misthija. Kien jurtani u jweġġani ukoll il-fatt illi s-sess kien mekkaniku u mingħajr imħabba. Kien jkollna x'naqsmu u mbagħad kien jilbes u spiss jitlaq lura għax tkun ċemplitlu ommu;*

*Illi, mort għand it-tabib. Skoprejt illi kont tqila bi tlett trabi. Ħadt qatgħa oħra kbira. It-tabib pero' qalli illi waħda minn dawn it-trabi kienet mietet. It-tabib qalli li t-trabi l-oħra kienu b'saħħithom u li jiena kont miexja tajba ukoll. Informajt lil attur b'dan illi ridt innaqqas ix-xokk għalih. Għidtlu illi kelli aħbar tajba għalih (ridt ngħilu li kont b'saħħti). Hu fil-pront qalli "Jaqaw tlift it-tarbija?" Naturalment ħa qatgħa kbir meta sar jaf illi kont qiegħda nistenna triplets. Kellimni vulgari u qalli li jmissni nmur naqbeż;*

*Illi, dakinhar l-attur telaqni. Kien irrabjat u kien qiegħed jgħajjarni li kont irrovinajtlu ħajtu. Għamilt ġimgħatejn nitkarrab miegħu biex jirranġa miegħi. Jiena nqis illi dak il-perjodu kien wieħed illi ddefinixxa r-rapport tagħna u wassal għaż-żwieġ tagħna. Kif għidt jiena kont ġa bdejt inisbni imdejqa miegħu u l-idea bidet tifforma ruħha*

*f'mohhi illi l-attur ma kienx jghodd ghalija u ma kienx ihobbni. Biss meta telaqni kont mitlufa. Hassejt illi kelli bil-forz nizzewweg missier it-trabi tieghi sew ghalihom u kif ukoll ghalija. Kont konvinta illi kont irrovinajt hajti u l-futur li stajt kelli illi nsib relazzjoni gdida;*

*Illi, fl-ahhar l-attur accettanti lura. Sar aktar biered lejja milli kien qabel. Ir-rapport taghna sar izjed orjentat lejn is-sess. Fl-istess hin pero', hekk kif ma kienx qed jkollna relazzjonijiet, konna nibirdu lejn xulxin u ftit kien jkollna xi nghidu lil xulxin. Sirna ukoll ferm aktar argumentattivi u fil-kors tal-argumenti taghna, l-attur kien jghajjarni li kont qieghda nipprova nfallih. Kien jghajjarni ukoll fizikament. Kien jghidli li kont qieghda nikrieh bis-sekondi. Dawn il-kliem kien jweggani hafna billi, minhabba t-tqala kont qieghda verament ninbidel ghall-aghar;*

*Illi, matul it-tqala tieghi, l-attur telaqni (cioe' hassar ir-rapport taghna) kemm il-darba. Wara ftit tant drajtha din, illi lanqas bqajt ninkwieta kont naf illi missier l-attur kien b'xi mod jerga' jibghatu jirranga mieghi;*

*Illi, dan kien qieghed jigri meta kont qieghda nsir aktar u aktar debboli minhabba t-tqala xi ftit difficili tieghi;*

*Illi, Martina u Francesca twieldu fil-5 ta' Dicembru, 1998. dakinhar illi wellidt, l-attur mar jilghab loghba football u mar jiehu xi ritratti mat-team tieghu. It-trabi dahlu immedjatment ghal kura intensiva ghaliex kienu premature. Wara xaharjen finalment hadt it-tfal id-dar;*

*Illi, bit-twelid tat-tfal, ir-relazzjoni taghna baqghet miexja ghan-nizla. Jiena kont ovvajment mohhni fit-tfal, b'mod illi ghalkemm indunajt illi l-attur kien qieghed jevita li jkun maghna, dan ma kienx jinkwetani daqs kemm kien qabel. Fil-fatt osservajt illi l-attur ftit kien jibqa' maghna u l-aktar illi kien jdum kien meta kienu jigi ghandna l-genituri tieghu. Huwa kien imbaghad jitlaq maghhom qisu kien xi kugin tieghi;*

*Illi, l-attur irnexxieli li ma jkunx prezenti ghall-okkazjonijiet importanti f'hajjet it-tfal. Din ma kinitx iddejqu;*

*Illi, l-attur kien ukoll ipprokkupat hafna fil-flus. Kien jqis l-infieq tieghu fuq it-tfal bhala hala. L-attur jaghti importanza kbira lil flus. Kien taht l-impressjoni illi l-familja taghna kienet wahda sinjura. Fil-fatt darba ommu stqasiet lil missieri x'dota kien sejjer jaghtini. Missieri kien hadha bic-cajt u qala baqra, gemel u zewg moghziet;*

*Illi, wara t-tqala tat-tfal kelli postnatal depression ghal sena shiha. Iffissajt fil-"hxuna" tieghi u bdejt naghmel dieta b'tali diterminazzjoni illi bdejt ngieghel lili nnifsi nirremetti;*

*Illi, l-attur rega telaqni u din id-darba deher illi kien deciz illi ma nirrangawx. Rega rranga wara hafna sikkatura minnghand missieri. Jiena ergajt ppanikjajt. Kont konvinta illi omm zaghzugha ta' twins ma kellha ebda opportunita' ssib guvni jingabar maghha u li l-unika opportunita' li kien ghad fadalli illi nifforma familja ghalija u ghat-tfal kien propju ma' missierhom. Kont naf illi l-attur ma kienx jghodd ghalija izda xorta kien missier it-tfal tieghi;*

*Illi, kont deciza li nizzewweg lill-attur ghalkemm kont ghal kollox konvinta illi huwa ma kienx ihobbni u li jiena kont imdejqa mieghu. Din id-decizjoni giet mghejjuna mill-fatt illi fis-sena 2000 kienet mimlija bi zviluppi interessanti. Xtrajna post fejn noqghodu; kellna nippreparaw ghat-tieg; gherusija; it-tfal jikbru etc. Biss, oggettivament il-komporatment tal-attur baqa' hazin u l-konvinzjoni tieghi illi ma kienx jghodd ghalija baqghet tippersistix. Meta xtrajna post, l-attur kien qalli li ladarba kien sejjer ihallas il-pagamenti tas-self, jiena kelli nhallas l-ispejjez kollha tat-tfal! Dan riedu ghalkemm kien jaf illi anke' jiena kont mghobbija b'sehmi tal-ispejjez l-ohra;*

*Illi, l-attur beda jikxef certu resinment kontra l-familja tieghi. Meta nformajtu illi missieri kien sejjer jbiegh id-daghjsa tieghu biex ihallas ghat-tieg, beda jitbissem u donnu ha gost;*

*Illi, is-sena taz-zwieg tieghi (2001) kienet sena terribbli. Kont il-hin kollu imdejqa. Kont imdejqa hafna fir-relazzjoni tieghi mal-attur; kont imdejqa mill-fatt illi kont serja nizzewweg; kont imdejqa mill-fatt illi kont twekkejt bl-attur bhala gharus tieghi; kont imdejqa bl-apparenza tieghi. Jiena kont dejjem issusspettajt illi l-attur ma kienx ihobbni u li jiena (bhala persuna) kont indejqu. Issa bdejt inhoss l-istess ghalih. Kien sar idejjaqni. Bqajt ghaddejja bil-preparattivi taz-zwieg mekkanikament, qisni qieghda nhejji t-tieg ta' xi hadd iehor;*

*Illi, wahda mir-ragunijiet principali ta' din il-bruda intesa tieghi kien ir-rapport sesswali taghna. Hekk kif twieldu t-tfal, qatt izjed ma kien interssat l-attur f'rapport shih mieghi minhabba l-biza (gustifikata) tal-fertilita' tieghi. Biss l-attur deher minn ghamilhu illi ma baqghax jqis is-sess bhala att ta' imhabba izda bhala mezz ta' gratifikazzjoni immedjata ghalih minghajr il-htiega ta' interazzjoni amoruza. Beda jiggratifika lilu nnifsu fil-presenza tieghi haga illi kont nqis bhala insult dizgustanti;*

*Illi, madwar tlett xhur qabel ma zzewwigna l-attur (skond hu fuq insistenza tal-genituri tieghu) ried jaghmel kitba taz-zwieg. Huwa ried illi d-dar tigi registrata biss f'ismu kien halef li jmur jaqbez jekk ma naghmilix u kien ikkompara hajtu ma' 'Sharon Attard' (dik li qabzet bil-karozza bit-tarbija taghha gewwa c-Cirkewwa). Morna ghand in-Nutar Burlo' u tant iggilidna quddiemu li kien imbarazzat. Il-kuntratt ha x-xejra ta' separazzjoni konsenswali preventtiv. In-nutar ma setghax jemmen li konna sejrin nizzewgu, fil-fatt taghni parir biex nerga nahsiba qabel ma nizzewweg;*

*Illi, l-ahhar xhur ta' qabel it-tieg kienu agonija ghalija. Bdejt nibla kwantitajiet ta' anti-depressants u nixrob fuqhom. Aktar bdejt nirremetti apposta u fil-fatt tlift tnax il-kilo f'tlett xhur. Kont depressa kontiwament. Niftakar illi kont indum is-sieghat nipprepara ruhhi mentalment biex nahsel xaghri;*

*Illi, wasal it-tieg. Hassejtni sejra ghall-funeral tieghi stess. Niftakarni fil-kamra tas-salott tal-genituri tieghi waqt li kont*

*qed nircievi lill-mistednin bir-rigali, iccassata, f'qalbi nitlob illi xi hadd jghinni nqum minn dik il-holma kerha. Dan kien difficli hafna ghaliha minhabba illi Cedric ma kien jaghtini ebda ghajnuna, lanqas biex nilqa' lill-mistednin peress illi kien ikollu t-'training' tal-futbol jew kien imur jorqod ghax kien ikun ghajjien. Kull darba li kien jigi konna niggieldu. Jien xtaqt nikkancella kollox izda bzajt illi niddisapunta lil missieri li sahaq kemm felah sabiex ikollu l-ahjar tieg u hekk itaffi ftit mit-toqol illi kien ihoss talli riedni nizzewweg. Jien u missieri qatt ma tkellimna dwar dan peress illi l-konverzazzjonijiet taghna kienu jkunu biss dwar il-post jew it-tieg. F'kelma wahda jien kont diehla ghal zwieg illi ma kontx nemmen fih, ma' persuna illi ma kontx inhobb u lejn min ma kontx migbuda fizikament. Kont se nizzewweg sempliciment minhabba c-cirkostanzi illi kont ninsab fihom;*

*Illi, il-lejl ta' qabel it-tieg jiena u Cedric kellna glieda kbira minhabba l-'flat' u l-problemi kollha assocjati mieghu. Huwa ried illi naghmlu kitba taz-zwieg fejn il-'flat' jigi fuq ismu ghal ragunijiet konnessi mal-bank. Jiena accettajt pero iggilidna kemm flahna quddiem in-nutar ghaliex issa Cedric ma ridtx jiffimra ghax ried juriha lin-Nutar tieghu. Fil-ghaxija Cedric qal lin-nanna tieghi li mhux ghax kieku t-tieg kien se jkun l-ghada kien jaqbad u jitlaq;*

*Illi, fil-gurnata tat-tieg kollox donnu kien qed jindika li ma kellix nizzewweg: qomt b'imfjammazzjoni f'ghajnejja u Father Tony cempilli biex jghidli illi t-tnedijiet taz-zwieg ma kinux gew ippubblikati u ghalhekk kelli bzonn dispensa specjali mill-Vatikan jew ta' l-inqas minghand l-Arcisqof sabiex inkunu nistghu nizzewgu. Ghamilt il-gurnata kollha nibki u qabel ma tlaqt ghall-knisja hadt xi 'anti-depressants' flimkien mal-'whiskey'. Ma stajtx nieqaf nibki kemm niflah. Kont taht l-effet ta' l-'anti-depressants' u kont ghajjiena hafna tant li ma bqajtx nifhem x'kien qed jigri madwari;*

*Illi, ghamilt il-festa kollha tat-tieg nibki. Cedric ma tax kasi. Minflok ghadda l-hin kollu jixrob ma' shabu. Lanqas jizfen mieghi ma ried. Sa l-ahhar tas-serata kont storduta u spiccjat nirremetti minhabba x-xorb u l-'anti-*

*depressants' li kont hadt. X'hin spiccat il-festa tat-tieg jien ma ridtx nitla' fil-kamra ma' Cedric. Hu kien fis-sakra mejjet izda xorta wahda tella' aktar fliexken tax-xampanja fil-kamra;*

*Illi, iz-zwieg taghna ma giex ikkunsmat. Nifhem illi ma jistax ikun hemm provi cari ta' dan izda nixtieq nirrakonta l-fatti illi juru li dan huwa minnu. Hekk kif dhalt fil-kamra lil Cedric sibtu jixrob. Huwa qalli li ma kienx se jkollu x'jaqsam mieghi u zied jghidli illi jekk xi darba jkollu x'jaqsam mieghi u ninqabad tqila, kien ikolli bil-fors naghmel abort. Jiena qbadt il-kutra u l-imhadda zejda li kien hemm fil-kamra u rqadt wahdi fuq is-sufan. Bqajna sejrin hekk sakemm domna fil-lukanda u ghalkemm Cedric qaghad jiftahar ma' shabu kemm hu tajjeb li tkun mizzewweg, fil-verita' dan ma kien xejn minnu. Cedric lanqas kien jiflah ihares lejja ahseb u ara jkollu x'jaqsam mieghi;*

*Illi, jiena kont fizikament u mentalment imkissra. Wara li morna lura d-dar xorta wahda bqajt norqod fuq is-sufan u kont nidhol ninhasel x'hin Cedric kien ikun diga rieqed. Kellna ippjanat illi immorru fuq cruise ghall-'honey moon' izda jien ma ridtx immur. Minkejja dan, l-ghada li konna gejna lura mill-lukanda tlaqna lejn Miami. Hekk kif wasalna qaghdna fir-'Ramada Plaza Resort', lukanda mahmuga u ta' l-ahhar grad. Jiena kelli nqatta' kwazi l-hin kollu go din il-lukanda peress li ma kellix flus f'idejja. Cedric zamm il-flus kollha meta dawn kienu rigal tat-tieg. Sakemm konna f'din il-lukanda bqajna norqdu f'sodod separati u jiena kont nidhol ninhasel x'hin Cedric ma kienx ikun hemm peress illi l-bieb tal-kamra tal-banju ma kienx jissakkar. Mill-lukanda kellna mmorru fuq 'cruise', rigal tat-tieg moghti lilna mill-kugina tieghi u r-ragel taghha. Ghalija l-'cruise' kien biss holma kerha. Jien u Cedric konna nippruvaw inqattghu mill-lanqas hin flimkien u ma kien hemm ebda forma ta' intimaita' bejnietna. Il-hsieb tieghi kien kontinwament li nixtieq immur lura lejn id-dar;*

*Illi, fuq l-arjuplan, ahna u gejjin lura lejn Malta, iggielidna u Cedric qabad jghajjat u mar ipoggi bil-qieghda f'post quddiemi. Huwa qatt ma kien jiddejjaq jaghmel dawn it-tip*

*ta' xenati u jiksirni quddiem kull min ikun prezenti. Jiena kont wasalt f'punt illi ma flahtx aktar. Qabel ma izzewwigna Cedric ma kienx jaghti kasi, kien imur ghat-'training' tal-futbol u almenu kien jibqa' miexi b'hajtu. Pero' issa kien deciz illi ma jhallinix bi kwieti. Huwa kien jipprova jaghmel minn kollox biex lili jgeghelni nitlaq mid-dar u hekk hu jkun jista' jiehu l-'flat';*

*Illi, kien l-ghada illi gejna lura mill-'honey moon' illi jiena ddecidejt li nitkellem ma' missieri dwar dak li kien qed jigri bejni u bejn Cedric u dwar il-fatti illi ma kienx hemm intimita' bejnietna u li z-zwieg taghna ma kienx gie ikkunsmat. Missieri inkwieta u minn dak in-nhar 'l hawn kien beda jigi l-'flat' kuljum biex jara jekk l-affarijiet kinux qieghdin jittrangaw. Izda r-relazzjoni tieghi u ta' Cedric qatt ma rkuprat u kienet dejjem sejra mill-hazin ghall-aghar;*

*Illi, fil-lejl tal-Milied mort il-quddiesa ta' nofs il-lejl wahdi ghax Cedric kien ghajjien u marid u t-tfal kienu d-dar tal-genituri tieghi. Lit-tfal ma stajtx inhallihom aktar id-dar jisimghu l-glied, it-tghajjar u d-dagha. Sadanittant jien kont qed nimrad. Ma kontx inkun nista' niekol tant illi ma kull ftit li niekol kont nirremettih;*

*Illi, fit-30 ta' Dicembru, li jahbat gheluq snini, Cedric qajjimni biex jghidli li riedni nghaddilu n-nofs tieghi tal-'flat' fuq ismu. Jiena ovvjament irrifjutajt u faqghet glieda enormi. It-tnejn li ahna ghidna li nobghodu lil xulxin u l-fatt li konna zzewwigna kien l-akbar zball li qatt stajna ghamilna. F'certu punt, x'hin il-glieda kienet sahnet sew, Cedric telaq 'l barra mid-dar qisu mignun. Jiena hadt it-tfal ghand ommi u mort infittxuh waqt li kont qieghda fuq il-mobile ma' missieri. Sibtu Bahar ic-Caghaq waqt li kien qed jipprova jsuq il-karozza minn fuq il-blat ghal isfel. Wara glieda ohra vjolenti, Cedric qata' qalbu u telaq. Jiena kont fizikament u mentalment imkissra u ghalhekk cempilt lil Fr. John sabiex jigi jghinni;*

*Illi, missier cempel lil Hubert, missier Cedric, sabiex jinfurmah b' dak kollu li kien qed jigri. Hubert ha dak kollu li qallu missieri bhala offiza. Wara l-konverazzjoni li kellu*

*missieri ma' missier Hubert cemplet Mireille, omm Cedric u qaltilna illi hi kienet taf li z-zwieg bejni u bejn Cedric ma kienux gie ikkunsmat izda li binha juri imhabbtu b'modi ohra. Il-genituri taghna baqghu jitlewmu bejniethom dwar dak li kien qed jigri, specjalment dwar il-fatt li ma kienx hemm intimita' bejnietna izda fl-ahhar iddecidew li l-problemi taghna kellna insolvuhom ahna;*

*Illi, lejliet l-ewwel tas-sena hrigt ma' xi hbieb u x'hin dhalt fil-ghodu sibt lil Cedric jistennini. Akkuzani li jien kont irrovinajtlu hajtu u ghalhekk kien se jkolli nhallas ta' dak li ghamilt. Imbaghad telaq 'il barra bit-tfal jien bqajt id-dar nibki u nibla' l-'anti depressants'. Fil-ghaxija gie missieri u sabni fi stat pjetuz u iddecieda li kellu jaghmel xi haga. Dak il-lejl jien irqadt mat-tfal u issakkarna fil-kamra taghhom ghax konna qed nibzghu illi Cedric iqajjem xi glieda ohra. Sadanittant missieri kellem lil missier Cedric biex flimkien jippruvaw jifhmu x'kien qed jigri u jippruvaw jghinuna nsibu soluzzjoni. Madanakollu jiena infurmajt lil missieri li kont se nitlaq lil Cedric ghax ma stajtx nissaporti aktar is-sitwazzjoni li kont ninsab fiha;*

*Illi, jiena tlabt lil Fr. John biex jghinna. Huwa kellem kemm lili kif ukoll lil Cedric flimkien u individwalment. Cedric ammetta li lili ma kienx ihobbni, ma riedx ikun intimu mieghi u xtaq illi ma gara xejn minn dak kollu li konna ghaddejna minnu. Huwa qatt ma nnega l-fatt li z-zwieg taghna ma kienx gie ikkunsmat. Min-naha tieghi lil Fr.John kont ghidtlu illi lil Cedric kont noboghdu, z-zwieg tieghi mieghu kien zball u ma ridtx ikolli aktar x'naqsam mieghu. Jiena kelli bzonn nitlaq x'imkien 'il boghod u urejt lil Fr. John bix-xewqa tieghi li nsiefer ghall-perjodu qasir ta' zmien. Dan qabel li kienet soluzzjoni tajba u qalli hu kien se jipprova jkun qrib ta' Cedric. Izda dak inhar stess Cedric ha hwejgu kollha u telaq mid-dar. Jiena xorta wahda iddecidejt li insiefer u immur 'skiing';*

*Illi, meta gejt lura sibt li Cedric ma kienx qed jghati kas tat-tfal u kien baghatli ittra bl-avukat sabiex nisseparaw. Hu ippropona illi jiehu l-'flat' u lili jhallili t-tfal. Jien accettajt ghaliex ghalkemm kemm jien kif ukoll missieri konna ninvestejna ammont sostanzjali ta' flus fil-'flat', ghalija t-*

*tfal huma l-aktar haga importanti. Missieri ltaqa' missier Cedric biex jiddiskutu s-separazzjoni u t-tnejn qablu illi l-process m'ghandux ikun wiehed twil peress illi l-fatti li graw wara t-tieg kienu kkonfermati bl-istess mod kemm minni kif ukoll minn Cedric. Fil-fatt mill-ewwel kellna l-awtorizzazzjoni necessarja tal-Qorti sabiex nisseparaw;*

*Illi, jiena nqis illi l-kunsens tieghi u tal-attur ghal dan iz-zwieg kien simulat u vizzjat. Jiena nahseb illi minn dak li jiena xehedt f'dan l-affidavit, huwa car mill-komportament ta' l-attur illi huwa kien qieghed jizzewweg kontra l-volonta tieghu;*

*Illi, dwar il-kunsens tal-attur nghid is-segwenti. Mill-affidavit tieghi jirrizulta illi l-attur qatt ma kien kuntent mieghi. Ir-relazzjoni taghna qatt ma kienet wahda tajba. Kien hemm nuqqas ta' interess min-naha tieghu lejja. Cedric ma kienx irid ikun intimu mieghi ghaliex ma kienx migbud lejja. Ma kien jurini ebda sinjal ta' imhabba. Anzi kien goff u aggressiv mieghi. Qatt ma stajt inhossni qrib tieghu. Lili kien iwarrabni u tant ma kienx jghozz il-kumpanija tieghi illi kien wasal anke' biex iwarrab lit-tfal halli zgur ikun jista' jevitani. Cedric huwa bniedem egoist illi dejjem irid li tghaddi tieghu biss. Jinteressah biss minn dak li jhoss hu u ma jimpurtahx minn dak li kellna nghaddu jiena u uliedi minhabba fih;*

*Illi l-attur kien deher esitanti u rilottanti illi jizewweg u l-komportament tieghu in konnessjoni mal-kitba taz-zwieg kien talli illi ghalih il-prospett illi z-zwieg taghna kien se jfalli kien wiehed car u manifest. Cedric accetta illi jizzewwigni kontra qalbu. Jien ma nistax nghid b'certezza x'geghlu jizzewweg izda l-fatt illi kellna t-tfal flimkien u l-fatt illi z-zewg familji taghna kienu nvolvew rwiehom fir-relazzjoni taghna, operaw sabiex jgieghlu lilu, kif ukoll lili, nahsbu illi ma kellniex triq ohra hlief illi nizzewgu;*

*Illi, jien nghid illi l-kunsens tieghi kien ukoll vizzjat u dan kif nahseb jirizulta minn dak illi stqarret f'dana l-affidavit. Minhabba t-tqala tieghi, minhabba l-fatt illi jiena kelli zewgt itfal mill-attur u minhabba l-effetti fisici u psikologici tat-tqala fuqi, jiena bdejt niffissa illi l-uniku persuna illi*

*maghha stajt inkompli relazzjoni socjalment accettabbli kien ma' missier it-tfal cioe' l-attur. Jien bdejt nhoss ukoll illi ma kontx attraenti ghall-irgiel l-ohra u li bejn minhabba "l-kruha" tieghi u bejn minhabba l-fatt illi kelli zewgt itfal tal-attur, l-ebda ragel iehor ma kien sejjer jaccettani. Fil-fatt hekk kif izzewwigt nbdilt. Hassejt illi kont xrobt it-tazza ta' velenu illi kelli nixrob u kont libera illi nerga nhares lejja nnifsi bi stima u apprezzament. F'salt irrealizzajt illi hajti ma kinitx spiccat u li ma kontx marbuta necessarjament mal-attur b'mod illi ma kontx obbligata aktar naccetta l-komportament hazin tieghu lejja. Ironikament bdejt inhossni libera ghaliex mizzewga bl-istess mod kif, qabel ma zzewwigt – ghalkemm suppost libera – hassejtni marbuta li nizzewweg".*

Il-konvenuta bl-istess nota prezentat ukoll l-affidavits ta' **Fr.**
**John Scicluna**, ta' **Yvette Debono** u ta' **David Debono**.

## (II) PRINCIPJI LEGALI

Illi l-attur jinvoka n-nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fil-kunsens li tat il-konvenuta u wkoll li l-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat ghaliex eskluda elementi essenzjali taz-zwieg u l-istess konvenuta kienet affetta b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghaliha li taqdi l-obbligazzjonijiet taghha taz-zwieg, u dan apparti li ssimulat il-kunsens taghha ghall-istess zwieg u ghalhekk tali zwieg ghandu jigi ddikjarat null u bla effett *ai termini* tal-**artikoli 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta**, fejn jinghad hekk:-

**19(1)** *B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null*:-

**(d)** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenjali taz-zwieg;*

**(f)** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg:*

Illi rigward dak li jinghad fis-**sub inciz 19 (1) (d)** fuq citat jinghad li l-kunsens fir-rabta taz-zwieg jirrikjedi maturita` ta' hsieb u karattru sabiex min jidhol ghal dan il-pass ikun konxju li zwieg ifisser *commitment* lejn din ir-rabta.

Illi l-awtur ***Bersini*** – **Il Diritto Canonico Matrimoniale (Torino 1994)** ighid hekk fuq il-grad ta' maturita` rikjesta sabiex wiehed jikkuntratta z-zwieg:-

*"Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappra che cosa e il matrimonio; e necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'alto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'alto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro."*

Illi l-awtur ***Bernard A. Siegle***, fil-ktieb tieghu **"Marriage According to the New Code of Canon Law"** jghid li bil-kunsens taghhom il-partijiet jridu joffru lil xulxin:-

*"a) the right to a community of life;*

*b) the possibility of living this community of life;*

*c) the right to the conjugal act;*

*d) the other essential properties of marriage – unity, fidelity and indissolubility".*

Illi ***Siegle*** jkompli jghid illi wiehed mill-elementi tal-kunsens hu l-maturita` li skond l-awturi rotali u gurisprudenza rotali tinkludi:-

*"a) an affective maturity that enables them to grasp the deep meaning of the conjugal covenant and to give it permanent value.*

*b) a discernment of judgement proportionate to the importance of the pact being concluded;*

*c) an internal free choice of will without coercive impulsions;*

***d) a freeness of character or personality that is capable of effective decision making.***

e) a normal sexuality".

Illi l-attur ibbaza c-citazzjoni tieghu fuq l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** li fil-fatt fl-**artikolu 19 (1) (f)** jiddisponi li:

***19 (1)*** *"B'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, zwieg ikun null:*

***(f)*** *jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** deciza minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – 9 ta' Marzu, 2000) u skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi inoltre fis-sentenza **"Theresa Taguri nee` Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA deciza fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi din il-Qorti taghmel referenza wkoll ghad-decizjonijiet "**Sharon Bezzina vs Richard Bezzina**" (P.A. (RCP) 6 ta' Frar 2003); "**Jacqueline Agius vs Ivan Agius**" (P.A. (RCP) 11 ta' Dicembru 2002); u "**Joseph Cutajar vs Dr. Mark Busuttil et nomine**" (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2003, "**Angolina sive Julia Dawah vs Dr. Martin Fenech et nomine**" (P.A. (RCP) 27 ta' Marzu 2003); "**Alexander Brincat vs Moira Farrugia gja` Brincat**" (P.A. (RCP) 27 ta' Marzu 2003); "**Louise Anne Sammut vs Tonio Ciantar**" (P.A. (RCP) 30 ta' April 2003) u "**Angela Pullicino vs William Camilleri**" (P.A. (RCP) 13 ta' Marzu 2003).

**(III) APPREZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI**

Illi l-affidavit tal-attur ma giex riprodott f'din id-decizjoni peress li huwa esegeratament twil, pero' ovvjament din il-Qorti hadhet konjizzjoni tal-istess u tax-xhieda kollha l-ohra prodotti u abbazi tal-istess xhieda sejra taghmel il-konsegwenti osservazjonijiet abbazi tal-ligi u gurisprudenza fuq riprosotta.

Illi jidher car li l-partijiet huma ghal kollox inkompatibbli ghal xulxin, u fil-fatt jidher li ma jaqblu fuq xejn u mhux ta' b'xejn li l-konvivenza bejniethom damet biss ftit gimghat, tant li wara l-qamar il-ghasel, l-konvenuta ma riditx iktar tghix mal-attur u fil-fatt ma accettatx li l-attur kellu jibqa' jghix maghha; fil-fatt hija ssostni li z-zwieg lanqas gie kkonsmat, ghalkemm l-attur jikkontesta dan.

Illi mill-kumpless tal-provi prodotti, jirrizulta lil din il-Qorti li l-unika raguni li waslet li l-istess partijiet jattendu ghac-cerimonja taz-zwieg bejniethom kien il-fatt li l-istess konvenuta harget tqila qabel iz-zwieg, u t-tema kollha tal-konvenuta hija da parti taghha bbazata fuq l-insistenza taghha li hija kellha tizzewweg lill-missier uliedha, u fil-fatt hadd u xejn ma setgha jwaqqafha, tant li ghamlet dak li riedet, u kkostringiet lill-attur sabiex jaccetta l-proposta taghha, anke' jekk qabel iz-zwieg jidher li l-partijiet iggieldu fuq kollox, kemm fuq dak li kellha tkun id-dar matriminonjali, fejn din kellha tkun, fuq min riedet tigi, jekk

kellhux issir kuntratt taz-zwieg, kif ser jghixu l-minuri u ma' min, u mitt haga ohra.

Illi jidher li l-istess applika ghall-attur peress li huwa stqarr mill-iktar mod car li l-konvenuta kellha karattru difficli hafna, u jidher li kienet persuna, dejjem skond l-attur, li takkwista dak li riedet, ghalkemm xejn ma kien jibbasta, u kienet ukoll incerta f'dak li riedet, u certament dawn id-dubji kollha kienu jinhassu mill-attur, li pero' xorta wahda ghazel li jizzewweg lill-konvenuta, primarjament, jekk mhux unikament minhabba li gja kellhom ulied barra z-zwieg. Wiehed jinnota fix-xhieda kollha tal-attur il-frustrazzjoni tieghu kemm dwar il-mod li kienu qed jitrabbew l-istess ulied principarjament mal-genituri tal-konvenuta, l-indhil li kien sar fil-konfront tieghu mill-genituri tal-istess attrici, l-frustrazzjoni tieghu li jaghmel u jixtri x'jixtri lill-konvenuta ma kinitx kuntenta, u l-insistenza taghha li tizzewweg, tant li huwa jidher li ceda ghaliha, ghalkemm il-pjanijiet tieghu kienu li ma kienx ser jizzewweg qabel ma jghaddu almenu tlett snin. Minn dan kollu jidher ukoll li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat peress li jidher li huwa ceda ghal din l-insistenza kollha *da parte* tal-konvenuta li kellhom jizzewgu minhabba uliedhom w ultimament kienet din it-tqala li waslet ukoll lill-attur sabiex jidhol ghal dan iz-zwieg.

Illi apparti dan jidher ukoll li z-zewgt partijiet kienu immaturi ghall-ahhar u fl-opinjoni ta' din il-Qorti ma hemm l-ebda dubju li l-kunsens tal-partijiet kien ukoll vizzjat minhabba li f'dak il-mument tal-hajja taghhom certament ma kellhomx id-diskrezzjoni ta' gudizzju necessarja sabiex jifhmu u jikkoncepu l-istitut innifsu taz-zwieg, l-elementi essenzjali tal-istess u d-dritttijiet u d-dmirijiet naxxenti minnu; dan kollu huwa manifestat mill-fatt li l-partijiet kienu jiggieldu fuq kollox u fuq l-inqas haga; qbil dwar xejn ma jidher li kien hemm u kollox sar sforzat u b'antagonizmu lejn xulxin, fejn jidher li r-relazzjoni taghhom kienet karraterizzata b'disperazzjoni ghas-sitwazzjoni li sabhu fiha.

Illi taht dawn ic-cirkostanzi jidher car li l-konvenuta lanqas riedet toqghod ghall dak li hija insistiet dwaru, tant li wara

l-*honeymoon* hija ma riditx taccetta is-sitwazzjoni taghha, u ma' riditx tghix izjed mal-attur, tant li jidher li tterminat il-konvivenza, (jekk tista' tissejjah hekk) ta' bejniethom immedjetament u wkoll f'qasir zmien stabilit relazzjoni ma' persuna ohra.

Illi dan kollu jwassal lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi li dan iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewgt partijiet.

**<u>III. KONKLUZZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta in kwantu biss l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn premess u deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan li:-

1. Tiddikjara z-zwieg bejn il-partijiet nhar is-7 ta' Dicembru 2001, null u bla effett fil-Ligi, ghall-fini tad-dispozizzjonijiet ta' l- **artikolu 19 (1) (d) u (f) ta' l-Att dwar iz-Zwieg ta' l-1975** ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewgt partijiet.

Bl-ispejjez jinqassmu bin-nofs bejn il-partjiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------